MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Numru. 195/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Stefan Vassallo**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Stefan Vassallo ta' 21 sena, iben Raymond u Maria Anna nee` Sammut, imwieled il-Pieta`, nhar

il-5 ta' Gunju 1991 u joqghod 22, 'Rayann', Triq il-Keffa, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0323691(M);

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Ottubru 2012, u fit-tlett gimghat ta' qabel din id-data, gewwa dawn il-Gzejjer:

a) Biegh jew xort'ohra traffika il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2013, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dan wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu.

Illi ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu li mhijiex wahda allarmanti. Qieset ukoll illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u dan kif jirrizulta car mill-istqarrija rilaxxjata minnu[1].

Mill-istess stqarrija, jirrizulta illi l-imputat instab fil-pussess ta’ 21 pakkett ta’ madwar 0.6 grammi *cannabis* grass jew haxixa u pakkett iehor ta’ madwar disa’ grammi. Meta huwa gie muri diversi boroz tal-*plastic* zghar u whud akbar, huwa spjega illi huwa kien juza dawn il-boroz sabiex ibiegh il-*cannabis* fihom. Fil-pussess tieghu, l-imputat kellu wkoll madwar 25 gramma raza tal-*cannabis* u gramma *cannabis* grass, li dwarhom huwa qal li dawn kienu ghall-uzu personali tieghu. L-imputat qal ukoll illi huwa kien ilu jbiegh il-*cannabis* grass ghal tlett gimghat. Qal ukoll illi huwa kien xtara ghoxrin gramma *cannabis* grass u ghaliha hallas €19 ghal kull gramma, filwaqt illi huwa kien ibiegh pakkett ta’ 0.6 gramma bil-prezz ta’ €20.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ghalhekk il-Qorti qeghda tqis li l-imputat kien ilu jitraffika l-pjanta *cannabis* ghall-perjodu ta’ tliet gimghat. Il-Qorti qed

[1] A fol. 8 sa 10 tal-process.

tiehu in konsiderazzjoni wkoll illi ghall-fini ta' traffikar, l-imputat kellu 21 pakkett ta' madwar 0.6 grammi *cannabis* grass li jammontaw ghal cirka 12.6 grammi *cannabis.* Dan apparti illi kellu wkoll pakkett iehor ta' disa' grammi *cannabis* grass. Ghall-uzu personali tieghu, imbaghad, l-imputat kellu madwar 25 gramma raza tal-*cannabis* u gramma *cannabis* grass rispettivament. B'kollox ghalhekk l-imputat kellu madwar 22.6 gramma *cannabis* grass u madwar 25 gramma raza tal-*cannabis.*

Ghalkemm l-ammont ta' droga involut mhuwiex wiehed straordinarju, madankollu lanqas ma jista jinghad illi huwa wiehed negligenti. Meta wiehed iqis li normalment doza tipika ta' *cannabis* f'*joint* hija dik ta' 0.2 grammi[2] – dan ifisser illi la darba l-ammont ta' *cannabis* totali misjub kien ta' madwar 47.6 grammi, l-imputat kellu bizzejjed sustanza ghal madwar 238 *joint*.

Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda moghtija minn Marilyn Formosa, Ufficjal tal-*Probation* fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013[3] u l-*Pre-sentencing Report* ipprezentat minnha stess fl-istess seduta. Qieset ghalhekk ir-rakkomandazzjoni tal-istess Ufficjal tal-*Probation* fis-sens illi tenut kont tal-eta` tal-imputat u l-hajja stabbli li huwa attwalment ghandu, l-imputat ghandu jinghata piena karcerarja fil-minimu taghha. B'mod partikolari, il-Qorti kkunsidrat ukoll illi ghalkemm l-imputat fil-passat kien jaghmel uzu mill-*cannabis* fuq bazi regolari, tant li kien waqa' fil-vizzju ta' din id-droga, huwa jidher li rrijabilita ruhu minn dan il-vizzju u t-testijiet tal-urina li sarulu fl-4 ta' Ottubru 2013 u fil-21 ta' Ottubru 2013 rispettivament taw rizultat negattiv. Il-Qorti qieset ukoll is-suggeriment maghmul mill-Prosekuzzjoni dwar il-piena fis-sens illi l-imputat ghandu jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija bejn disa' xhur u sena u min-naha l-ohra s-suggeriment tad-difiza fis-sens illi l-imputat ghandu jinghata l-piena minima ta' sitt xhur prigunerija, u dan tenut kont tal-kambjament li ghamel l-imputat f'hajtu u tar-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-*Probation*. In sostenn tal-argument taghha, fit-trattazzjoni finali, id-difiza ghamlet ukoll referenza ghal numru ta' sentenzi moghtija kemm minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

---

[2] *World Drug Report 2006 Volume I. Analysis*, pagna 96 *et seq.*
[3] A fol. 15 sa 18 tal-process.

Madankollu f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Dicembru 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Mifsud** (Appell Nru. 218/2002) fejn irriteniet illi *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali, tieghu; pero` meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta` ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali …"*.

Din il-Qorti ghalhekk fil-waqt illi sejra certament tiehu in konsiderazzjoni illi l-imputat miexi fit-triq it-tajba u rrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, sejra taghti piz ukoll lill-element ta' deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta` fil-konsiderazzjoni taghha dwar il-piena.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni, ghal fini ta' piena, illi l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li din serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fl-istess imputazzjoni (a). Il-Qorti applikat ukoll l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet (b) u (d). Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, il-Qorti qed tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(d), 8(e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikoli 17(b) u (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront

tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' **sena prigunerija effettiva** u **multa ta' elf Euro (€1000)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux izjed tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument NS3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------